MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 43/2006

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Marzu 2006 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat minn A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi r-rikorrenti ghamlet cerimonja ta' zwieg ma' C D E nhar l-1 ta' Marzu 2003 (Dok A).

Illi din ic-cerimonja saret wara li kien ilha taf lill-istess C D E sa minn Settembru 2000 u wara li bdiet relazzjoni intima bejniethom kellha tifel minnu nhar il-15 ta’ Gunju 2002 (Dok B).

Illi kien hawn li ddecidiet li tizzewweg lill-intimat.

Illi qabel iz-zwieg indunat li kien qed igib ruhu xi ftit stramb u anke jkun fis-sakra. L-intimat spega li kien qed igib ruhu hekk ghaliex kellu t-tfulija tieghu wahda tragika. Spjegalha li missieru kien qatel lill-ohtu li kellha 12-il sena u wara li ntbaghat il-habs kien ghamel suwicidju.

Illi wara li zzewget lill-intimat, ir-rikorrenti skopriet li dik l-istorja li kien qalilha l-intimat ma kienet vera xejn u kien ivvintaha sabiex jikseb il-kunsens taghha taz-zwieg b’ qerq. Huwa kien fil-fatt alcoholic u qarraq totalment bir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti kien diga’ taht pressjoni peress li kellha tifel qabel iz-zwieg, imma qatt ma stenniet li l-intimat kien ser jivvinta din l-istorja sabiex igeghla tizzewweg u jgeghla temmen li l-poblema ta’ l-alkoholizmu u problemi psikologici ohra li kellu, kienu dovuti ghal sfortuni li kellu meta kien zghir.

Illi l-intimat beda ma jahdimx u ma jaqdix l-obbligi tieghu ta’ ragel mizzewweg lanqas fl-affarijiet intimi taz-zwieg.

Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’ qerq dwar kwalitajiet tal-parti l-ohra u mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens ta’ l-intimat kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jwe fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u wkoll b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-intimat li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-intimat, fiz-zmien li sar iz-zwieg ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti nhar l-1 ta' Marzu 2003 huwa null u bla effett u dan ai termini ta' l-artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet premessi li huma imputabbli lill-intimat.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha eccepew illi l-fatti tal-kawza ma humiex maghrufa li f' dan l-istadju ma kienx possibli li tittiehed l-informazzjoni mehtiega sabiex it-talba ta' l-attur tigi kkontestata. Illi ghalhekk l-istess kuraturi deputati qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jresqu risposta ulterjuri hekk u meta huma jkunu edotti mill-fatti ta' dan il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma' l-assenti C D E fl-1 ta' Marzu 2003 huwa null fil-ligi, stante vizzju ta' kunsens matrimonjali fit-termini tal-paragrafi [c] u [d] ta' l-Artikolu 19[1] Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li fi Frar 2001 l-attrici dahhlet f' relazzjoni serja ma' l-assenti, u wara zmien ta' konvivenza, fil-22 ta' Gunju 2002, twieldet tarbija minn din ir-relazzjoni. Sussegwentement il-partijiet izzewwgu civilment fl-<u>1 ta' Marzu 2003</u>; u <u>f' Novembru 2004</u> il-konjugi sseparaw legalment.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta manifest li l-problema bejn il-konjugi li wasslet ghal firda taghhom kienet il-vizzju tax-xorb ta' l-assenti, li fixkel serjament il-hajja matrimonjali tal-partijiet, u senjatament ta' l-attrici. Jirrizulta wkoll li din il-problema, li kienet wahda kronika, kienet tezisti minn qabel iz-zwieg, izda l-assenti kien heba din il-problema mill-attrici that forma ta' storja li allegatament kienet grat lilu fit-tfulitu u li hu kien gieghel lill-attrici temmen li dik kienet il-vera problema tieghu.

Sussegwentement, wara z-zwieg irrizulta li din l-istorja rakkontata mill-assenti lill-attrici biex jipperswadiha tizzewwgu kienet biss messa in xena biex jghatti l-problema kronika ta' l-akoholizmu li kien ibati minnha, u li mill-provi jidher li saret izjed akuta waqt iz-zwieg b' mod li l-assenti ma kienx fil-posizzjoni tieghu li jerfa' u jissodisfa l-obbligazzjonijiet matrimonjali tieghu, anke dawk essenzjali, fil-konfront ta' l-attrici. Fl-affidavit taghha l-attrici tghid: "I feel that C cheated on me and if I knew that he had a chronic drinking problem I would not have married him." [fol.33].

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li "Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' moral substitution li kif spjegat mill-awturi din tissussisti when the quality is [1] an inherent proprety of the person, and not some isolated past action; [2] present at the time of the wedding; [3] grave, either objectively or subjectively; [4] unknown to the other party; [5] fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent; [6] lastly, the quality must provoke a crisis on discovery, as otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial" *[Wrenn – "Annullment"] App. Louis Agius vs Georgia Agius – 19.10.1988; PA[PS] Stephen Sciberras vs Avk.Francesco Depasquale – 9.12.2002*. Fil-kawza *App.C.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza fis-27.01.2006* gie osservat li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita'

tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Fil-meritu jgi osservat li fil-kaz odjern jikkonkorru l-estremi kollha ta’ dan il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [c] ta’ l-Artikolu precitat. Inoltre, il-problema ta’ l-alkoholizmu li huwa suggett ghaliha l-assenti tikwalifika, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, bhala anomalija psikologika serja li kienet ta’ tfixkil serju ghal-hajja matrimonjali tal-partijiet, stante li kienet ta’ impediment ghalih li jesegwixxi l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku tal-konjugi, u t-trobbija tal-wild taghhom li waqghet kompletament fuq l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [c] u t-tieni parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta’ Marzu 2003; bl-ispejjez kollha a kariku ta’ l-assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu mhallsa provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------